MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2014

Citazzjoni Numru. 1056/2013

**HSBC Bank Malta plc (C 3177)**

**-VS-**

**Dolceria Italiana Limited (C 17590)**
**John Muscat (I.D. 456559(M))**
**Maria Dolores Muscat (I.D. 749162(M))**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors guramentat ta'HSBC Bank Malta plc (C 3177) tas-6 ta' Novembru 2013, li jaqra hekk:

*1. Permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Angelo Vella tat-30 ta' Ottubru 1995, kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata dokument "**A**", il-bank rikorrent ikkonceda facilitajiet bankarji lil Dolceria Italiana Limited ghall-ammont massimu ta' €46,587 (Lm20,000);*

*2. Sussegwentement, permezz ta' kuntratt iehor fl-atti tan-Nutar Dr Nicolette Vella tat-18 ta' Mejju 2001, kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata Dokument "**B**", l-imsemmija facilitajiet bankarji gew mizjuda b'€23,293 (Lm10,000) ghal total ta' €69,880;*

*3. Kif jirrizulta miz-zewg kuntratti (dokumenti "A" u "B"), il-konjugi John u Maria Dolores Muscat, intimati, ikkostitwew lilhom infushom bhala garanti solidali ma Dolceria Italiana Limited;*

*4. Minn dawn il-facilitajiet, is-socjeta' intimata utilizzat is-somma ta' €58,240 (Lm25,000) u l-ahhar hlas li sar kien fl-20 ta' Settembru 2011. Minn dakinhar baqa' ma sar ebda hlas iehor;*

*5.Il-bank rikorrenti interpella lis-socjeta' intimata ghall-hlas diversi drabi u sejjah fuq il-garanti biex ihallsu b'ittra ufficjali numru 2390/2012, madankollu dawn baqghu inadempjenti;*

*6. Il-bank rikorrent jinsab kreditur ta' 1-intimati fis-somma ta' €71,874.97 minn liema somma €58,240 tirrapprezenta kapital u l-bilanc ta' €13,634.97 jirrapprezenta l-imghax mahdum sat-18 ta' Ottubru 2013 u dan kif jirrizulta mill-istatement hawn anness u mmarkat dokument "**C**";*

*7 Ghadaqstant, jghidu ghalhekk 1-intimati ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:*

*a. Tiddikjara li 1-intimati huma debituri tal-bank rikorrent fis-somma ta' €71,874.97 flimkien mal-imghax bir-rata ta' tmienja fil-mija sa mid-19 ta' Ottubru 2013 sad-data ta-pagament effettiv;*

*b. Tikkundanna lill-intimati jhallsu lill-bank rikorrent is-somma ta' €71,874.97 flimkien ma l-imghax bir-rata ta' tmienja fil-mija sa mid-19 ta' Ottubru 2013 sad-data tal-pagament effettiv.*

*8. Bl-ispejjez."*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mir-rikorrenti u l-elenku ta' dokumenti esebiti mar-rikors guramentat;

Rat li l-atti tar-rikors guramentat u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill-intimati skond il-ligi;

Rat illi s-socjeta' intimata ma ntavolat ebda risposta guramentata u ghaldaqstant baqghet kontumaci;

Rat in-nota ta' kjarifika tal-bank rikorrent tal-15 ta' Jannar 2014 li taqra s-segwenti:

*"Ghaldaqstant, in vista ta' din il-kjarifika, it-talba fir-rikors guramentat, ghandha taqra hekk:*

*"Ghaldaqstant jghidu ghalhekk 1-intimati ghaliex din 1-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:*

*a. Tiddikjara li l-intimati huma debituri tal-bank rikorrent fis-somma ta' €58,240 rapprezentanti kapital u €13,634.97 li jirrapprezenta l-imghax mahdum sat-18 ta' Ottubru 2013 flimkien ma l-imghax ulterjuri bir-rata ta' tmienja fil-mija sa mid-19 ta' Ottubru 2013 sad-data tal-pagament effettiv;*

*b. Tikkundanna lill-intimati jhallsu lill-bank rikorrent is-somma ta' €58,240 rapprezentanti kapital u €13,634.97 li jirrapprezenta l-imghax mahdum sat-18 ta' Ottubru 2013 flimkien ma l-imghax ulterjuri bir-rata ta' tmienja fil-mija sa mid-19 ta' Ottubru 2013 sad-data tal-pagament effettiv." "*

Rat in-nota t'ammissjoni tal-konvenuti tal-15 ta' Jannar 2014 ghat-talbiet rikorrenti kif kjarifikati permezz tan-nota tal-bank rikorrent tal-15 ta' Jannar 2014;

**Ikkonsidrat:**

Billi il-provi dokumentari prodotti mill-bank rikorrenti, mhumiex kontradetti anzi jirrizulta illi s-socjeta' intimata u l-konjugi John u Maria Dolores Muscat intavolaw nota t'ammissjoni pjena ghat-talbiet tal-bank rikorrenti kif kjarifikati fin-nota tal-bank rikorrenti tal-15 ta' Jannar 2014;

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

a. Tiddikjara li l-intimati huma debituri tal-bank rikorrent fis-somma ta' €58,240 rapprezentanti kapital u €13,634.97 rapprezentanti l-imghax mahdum sat-18 ta' Ottubru 2013 flimkien ma l-imghax ulterjuri bir-rata ta' tmienja fil-mija sa mid-19 ta' Ottubru 2013 sad-data tal-pagament effettiv;

b. Tikkundanna lill-intimati jhallsu lill-bank rikorrent is-somma ta' €58,240 rapprezentanti kapital u €13,634.97 li jirrapprezenta l-imghax mahdum sat-18 ta' Ottubru 2013 flimkien ma l-imghax ulterjuri bir-rata ta' tmienja fil-mija sa mid-19 ta' Ottubru 2013 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kif mitluba kontra l-intimati u s-socjeta' intimata.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------